# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 54/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Vella talli fil-Belt Valletta, fix-xhur immedjatament precedenti c-citazzjoni (li ggib id-data tas-26 ta' Mejju, 2000) (**1**) naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Pulizija – kopja ta' l-ordni kienet annessa mac-citazzjoni biex tifforma parti minnha – biex inehhi il-periklu u jsewwi l-hsara li hemm fil-postijiet numru 40 u 43A Flat 6, Triq il-Punent, il-Belt Valletta, proprjeta` tieghu, jew amministrata minnu, kif iccertifikat mill-perit James Farrugia A & CE u b'hekk (**2**) ma obdix ordni legittima, u dan bi ksur tal-Artikolu 25 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) u tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9); l-ewwel qorti kienet mitluba li barra milli taghti l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat li jnehhi l-inkonvenjent u jezegwixxi l-ligi fi zmien li jigi stabbilit, taht penali fin-nuqqas, jew tordna li dan isir mill-Pulizija a spejjez ta' l-imputat jekk jibqa' ma jottemperax ruhhu mal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Marzu, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi John Vella mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-26 ta' Marzu[1], 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Gunju, 2001; ikkunsidrat:

---

[1] It-timbru fuq ir-rikors ta' appell jindika x-xahar bhala "Jannar". Dan evidentement huwa zball tar-registru, u d-data korretta hija 26 ta' Marzu, 2001.

1. L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa fis-sens li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi fir-rigward ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 10.

2. Dana l-artikolu jghid hekk: "Hadd ma jista', minghajr licenza tal-Pulizija, jibni jew jaghmel ebda haga fit-toroq li tista` ggib xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku, inkella jhalli, wara li jigi mwissi mill-Pulizija, bini jew opri ohra fi stat ta' tigrif jew ta' periklu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor." Huwa evidenti li l-parti tad-disposizzjoni li tikkoncerna lil din il-kawza hija l-parti sottolineata.

3. Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, dana l-Artikolu 25 ma jirreferi ghal ebda persuna specifika jew kategorija ta' persuni: "Hadd ma jista'…ecc.". L-obbligu mpost bit-tieni parti ta' dana l-artikolu qieghed, ghalhekk, fuq kull persuna li b'xi mod ghandha kontroll effettiv fuq, u ghalhekk tista' effettivament tnehhi, il-perikolu esistenti, sia jekk dik il-persuna hija s-sid jew l-inkwilin jew id-detentur jew l-amministratur tal-fond, bini jew opra li tkun, salv, naturalment, kwalsiasi dritt ta' risarciment ta' l-ispejjez li dik il-persuna jista' jkollha fil-konfront ta' persuna jew persuni ohra (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Robert Grech*** App. Krim. 30/9/94, ***Il-Pulizija v. Innocenzo Galea*** App. Krim. 10/7/98, ***Il-Pulizija v. Catherine Cauchi*** App. Krim. 6/10/98). Qorti ta' Gustizzja Kriminali fl-applikazzjoni ta' dana l-Artikolu 25 m'ghandhiex toqghod tidhol fi kwistjonijiet ta' obbligazzjonijiet ta' natura civili; l-iskop tad-disposizzjoni in ezami hu li jitnehha malajr kemm jista' jkun il-perikolu mill-persuna li tista' effettivament thennieh ghax ikollha b'xi mod kontroll effettiv fuq dak il-bini jew opra ohra. Jista' jaghti l-kaz ukoll li jkun hemm zewg persuni jew aktar li b'xi mod ikollhom kontroll effettiv kontemporaneament ta' post, bhal, per ezempju, is-sid tal-post jew l-amministratur u fl-istess hin l-inkwilin. F'dan il-kaz kull wiehed minnhom, jew anke wiehed minnhom biss, jista' jigi msejjah mill-Pulizija biex inehhi l-perikolu, f'liema kaz l-obbligu mpost bl-Artikolu 25 ikun jinkombi fuq dik il-persuna li tkun giet hekk imsejjha u mwissija mill-pulizija. Dak li l-Qorti trid tara hu jekk il-persuna li tkun giet imsejjha u mwissija ghandhiex b'xi mod kontroll effettiv fuq il-bini jew opra ohra in kwistjoni b'mod li tista' effettivament tnehhi l-perikolu.

4. F'dan il-kaz il-fatti huma s-segwenti: Is-sinjura Pauline Mizzi tokkupa, b'titolu ta' cens, l-appartament numru 6 fi blokk appartamenti li jinsab f'numru 43A, Triq il-Punent, il-Belt Valletta. Is-sidien diretti ta' dan l-appartament, li jigi fis-sular ta' fuq nett, huma certi Fava u Bonavia (ara d-deposizzjoni ta' din Mizzi in kontro-ezami fl-udjenza tat-8 ta' Gunju, 2001). Dan l-appartament ghandu xi kmamar – zewgt ikmamar tas-sodda u

kamra zghira li tintuza bhala *washroom* – li jigu taht il-bejt ta' proprjeta` adjacenti – in-numru 40 fl-istess triq – liema proprjeta` hija ta' l-appellat John Vella. In fatti fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2000, quddiem il-Qorti Inferjuri (ara l-verbal a fol. 6 tal-atti), l-appellat (allura imputat) kien iddikjara li huwa s-sid u fil-pussess tal-fond numru 40. Fi kliem iehor, il-bejt, jew ahjar bjut, li hemm fuq dawn il-kmamar tal-appartament ta' Pauline Mizzi huma proprjeta` ta' l-appellat u, per di piu`, Pauline Mizzi m'gandhiex access ghal dawn il-bjut (ara z-zewg relazzjonijiet tal-Arkitett u Inginier Civili Joseph Mizzi, fol. 10 u fol. 15, li kien gie nominat bhala perit tekniku mill-ewwel qorti). Fuq wiehed minn dawn il-bjut – li tahtu allura hemm kamra jew kmamar ta' Mizzi – hemm ukoll kamra tal-bejt (dejjem proprjeta' ta' Vella) li s-saqf taghha, cioe` ta' din il-kamra tal-bejt, huwa wkoll fi stat perikoluz. Kif fisser ix-xhud James Farrugia, jekk il-bejt ta' din il-kamra tal-bejt icedi, jisfronda l-paviment u kollox jibqa' niezel fl-appartament ta' Mizzi (u possibilment ukoll f'appartamenti sottostanti dak ta' Mizzi). Kif fisser l-AIC Mizzi fit-tieni relazzjoni tieghu, il-hsara fis-soqfa tal-appartament ta' Pauline Mizzi – soqfa li issa jinsabu fi stat ta' perikolu – giet kagunata minhabba l-ilma li dahal mill-bjut ta' Vella, u dan minhabba n-nuqqas ta' manutenzjoni ghal hafna snin ta' dawn il-bjut da parti ta' l-istess Vella. Biex jitnehha l-perikolu fis-soqfa tal-kmamar ta' Pauline Mizzi li jigu taht il-bjut ta' Vella, l-istess soqfa, naturalment bil-bjut b'kollox, iridu jinqalghu kompletament u jsiru mill-gdid, u mhux bizzejjed li jinghata ftit qatran fuq il-bjut kif l-appellat jidher li ghamel xi sena w nofs ilu wara li lmentat mieghu Pauline Vella bl-ilma li kien dahlilha wara maltempata. Jinghad ukoll li skond l-Ispettur Mario Tonna, meta huwa f'xi zmien wara d-19 ta' April tas-sena l-ohra kien kellem lill-appellat, dan kien qallu li lest li jassumi r-responsabbilta` li jsiru t-tiswijiet necessarji. Wara xi zmien, izda, l-appellat kien informa lill-Ispettur li ma kienx ser jeffettwa dawn ir-riparazzjonijiet minhabba xi kwistjonijiet ta' wirt bejn l-ahwa. Meta xehed fl-udjenza tat-8 ta' Gunju, 2001 quddiem din il-Qorti, l-appellat qal li hu ma ghamilx ir-riparazzjonijiet mehtiega fuq parir legali "peress li, skond l-avukat, jien ma nistax naghmel xogholijiet fi proprjeta` ta' haddiehor". L-appellat kien gie formalment intimat mill-Pulizija Ezekuttiva biex inehhi l-perikolu, izda huwa baqa' indempjenti.

5. L-ewwel qorti lliberat lill-appellat wara li esprimiet ruhha b'dan il-mod: *"Billi l-proprjeta` tal-bejt danneggjat u perikoluz hija fil-komproprjeta` tal-imputat u terzi presumibbilment il-konjugi Mizzi, u billi jirrisulta li l-imputat kien dispost li jirranga billi jikkontribwixxi sehemu, izda l-komproprjetarji l-ohra, li ghandhom iktar interess, ma appoggawhx. Ma ssibux hati u tilliberah".* L-Avukat Generali ghandu ragun jilmenta li hawn si tratta ta' enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi in tema ta' l-obbligu talvolta naxxenti mill-Artikolu 25 tal-Kap. 10. Kif inghad aktar 'l

fuq, jekk persuna tkun tista' effettivament tnehhi l-perikolu ghax ikollha b'xi mod kontroll effettiv fuq dak il-bini jew opra ohra, ma hux mehtieg – dejjem limitatament ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 25 – li jigu nvoluti persuni ohra li talvolta jista' wkoll ikollhom kontroll effettiv ta' dak il-bini. Fi kliem iehor, jekk hemm diversi komproprjetarji u kull wiehed minnhom jista` effettivament inehhi l-perikolu, huwa bizzejjed ghall-Pulizija Ezekuttiva li twissi lil wiehed minnhom biex inehhi dak il-perikolu u, fin-nuqqas, tipprocedi kontra tieghu, minghajr ma hemm ghalfejn li toqghod twissi lil, u tipprocedi kontra, il-komproprjetarji l-ohra kollha. Kif inghad, l-iskop kollu tal-Artikolu 25 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija huwa wiehed ta' ordni pubbliku, anzi ta' sigurezza pubblika, u cioe` sabiex jitnehha kemm jista' jkun malajr perikolu li jkun jezisti ghan-nies jew ghall-proprjeta` taghhom. Kwistjonijiet ta' responsabbilta` civili u ta' min ghandu jhallas u f'liema kwoti wiehed jarahom wara u, jekk ma jkunx hemm qbil, wiehed ghandu jirrikorri quddiem il-qrati ta' kompetenza civili.

6. Mill-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellat, bhala sid tal-bjut in kwistjoni, hu f'posizzjoni li effettivament inehhi l-perikolu gej proprju minn-nuqqas ta' manutenzjoni ta' l-istess bjut, anke jekk ix-xoghol ikun jirrikjedi li huwa jaccedi fil-proprjeta` ta' Pauline Mizzi. Ma jirrisultax mill-provi li din Mizzi, li ilha ghal dawn ix-xhur kollha tghix b'perikolu fuq rasha, qieghdha b'xi mod tostakola jew altrimenti ma tikkooperax biex il-bjut u s-soqfa jigu mibdula u b'hekk jitnehha l-perkolu. Jinghad finalment li bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni din il-Qorti tirravviza konkors formali ta' reati, b'mod ghalhekk li effettivament hemm reat wiehed.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tiddikjara lill-appellat John Vella hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kif riportati aktar 'l fuq f'din is-sentenza (b'dan, pero`, li effettivament si tratta ta' reat wiehed), wara li rat l-Artikoli 25, 318, 319(1) u 321(1) tal-Kap. 10 u l-Artikolu 11(1) tal-Kap. 9, u peress li din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz ir-reat jisthoqqlu piena akbar minn dik ghall-kontravvenzjonijiet, tikkundanna lill-imsemmi John Vella multa ta' sebghin lira (Lm70), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'erbatax-il gurnata prigunerija; tordnalu wkoll sabiex fi zmien ta' mhux aktar minn hames gimghat mill-lum inehhi l-perikolu ezistenti fil-bjut u s-soqfa li jigu fuq il-proprjeta` ta' Pauline Mizzi billi l-istess soqfa jitnehhew u jsiru mill-gdid kif indikat fit-tieni relazzjoni tal-AIC Joseph Mizzi, u jekk huwa jonqos milli jezegwixxi dana l-ordni lilu moghti fiz-zmien indikat huwa jehel piena ta' ammenda ta' zewg liri ghall-kull gurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien ta' hames gimghat imsemmi.

(ft) Aldo Testone

Deputat Registratur